**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**Vs**

**Johann Camilleri**

Kaz Nru: 139/2015

Illum 5 ta' Frar 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Johann Camilleri, ta' 38 sena, iben Alfred u Jill nee' Crossland , imwieled Pieta', fil-11ta' Settembru, 1976 u residenti Holy St Joseph, Triq Sir Temi Zammit, Mgarr, detentur ta' karta tal-identita' 0493176(M).

Akkuzat talli :-

Fit-8 ta' Lulju 2014 ghall-habta tal-18:30 hrs u/jew fil-hiniijet ta' qabel, gewwa Marsaxlokk, volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsarat jammontaw ghal aktar minn elfejn u hames mitt ewro (€2,500) u dan ghad-detriment ta' Mona El Daoud;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, bi kliem insulentajt, heddidt jew ingurjajt lil Mona El Daoud;

Il-Qorti hija mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna/i offizi, cioe' Mona El Daoud jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna/I lezi minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta'

protezzjoni kontra l-imputata skont kif jipprovdi l-artikolou 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li huwa ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat li l-imputat fis-seduta tallum ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u li huwa ikkonferma l-istess ammissjoni wara li nghata zmien sabiex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li t-tieni imputazzjoni li hija kontravenzjonali hija preskritta u dan tenut kont li l-incident sehh fit-8 ta' Lulju 2014 u c-citazzjoni giet biss prezentata fil-5 ta' Frar 2015 u kwindi meta t-terminu preskrittiv kien diga' ddekorra.

Illi l-ewwel imputazzjoni giet sodisfacjentement ippruvata anki tenut kont tal-ammissjoni tal-imputat u dan inkwantu ghall-hsara volontarja izda mhux ghall-ammont billi anki mill-atti rrizulta li l-ammont ta' hsara kien ferm anqas. Ghaldaqstant ghalkemm se jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni biss pero' dan se jkun fit-termini tal-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9.

Fis-seduta tallum gie verbaizzat li l-imputat hallas lill-parte leza l-ammont ta' €700 ghas-saldu u hija min-naha taghha ddikjarat li tirrinunzja ghall-azzjoni fil-konfront tal-imputat, izda l-imputazzjoni hija wahda ta' natura *ex officio.*

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat, il-fedina penali li hija wahda netta, l-ammissjoni u l-fatt li l-imputat ghamel tajjeb ghall-hsara li kkaguna.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tiddikjara t-tieni imputazzjoni bhala procediment estint invista li hija preskritta, wara li rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu izda bil-valur li filwaqt li jiskorri l-mitejn u hamsin euro ma jiskorrix l-elfejn u hames mitt euro izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tillibera lill-hati ghal kollox.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**